# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 25 ta' Frar 2002**

**Numru 3**

**Avviz. numru 744/01mm**

**Brinx Ltd**

**vs**

**Regina Bianca Limited u Antonio Tudisco u Rosalia Di Grazia**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fl-20 t'Awissu 2001 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu solidalment bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' Lm2494.82, elfejn erba' mija erbgha u disghin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu, ammont dovut mill-konvenuti, rapprezentanti bilanc fuq il-kera in konnessjoni mal-lokazzjoni tal-fond konsistenti f'mahzen illi jinsab go Triq San Gwann, Imriehel ai termini tal-iskrittura ta' lokazzjoni tal-24 ta' Gunju

1996 (Dok A), flimkien ma' l-imghax kalkolat sal-31 ta' Gunju 2001 - kollox skond ma jirrizulta mid-dokument B.

Bl-imghax ulterjuri mid-data tal-prezentata tal-avviz u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Mejju 2001 u dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment mal-avviz kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti u s-socjeta' konvenuta baqghu kontumaci.

Rat is-sentenza taghha tas-7 ta' Jannar 2002 fejn iddecidiet il-kawza fil-konfront ta' Antonio Tudisco u s-socjeta' Regina Bianca Limited.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Frar 2002 fejn il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza dwar ir-responsabbilta o meno ta' Rosalia Di Grazia.

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri.

Ikkunsidrat:

Minkejja illi l-konvenuta Rosalia Di Grazia baqghet kontumaci l-Qorti awtorizzat lill-avukat taghha jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu fil-konfront taghha. Dawn is-sottomissjonijiet huma bbazati principalment fuq it-tifsira ta' l-artikolu 3[4] tal-ftehim milhuq bejn il-partijiet fl-24 ta' Gunju 1996. Dan l-artikolu jghid *"any unpaid rent or expenses or bills due on the tenement can be claimed by the lessor directly to any partner or shareholder*

*of the lessee company, if this lease is being drawn on behalf of company or partnership".*

Apparti d-dicitura xejn felici tal-ingliz uzat f'dan l-artikolu, l-gharef difensur tal-konvenuta qajjem punt legali fis-sens illi l-konvenuta bhala direttrici ma setghet qatt tkun personalment responsabbli la hija ma ffirmatx il-ftehim imsemmi.

Il-Qorti jidhrilha illi dan l-argument fih il-fondament tieghu.

Jibda biex jinghad illi mhuwiex kontestat bejn il-partijiet illi Rosalia Di Grazia hija *shareholder* u/jew direttrici tas-socjeta' Regina Bianca Limited. Il-ftehim illi kopja tieghu hemm esebit a fol 2 tal-process gie ffirmat bejn ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici u r-rapprezentant tar-Regina Bianca Limited, f'dan il-kaz kien it-Taljan Antonio Tudisco. Il-Qorti tifhem illi ladarba dan ta' l-ahhar accetta li jkun personalment responsabbli skond l-artikolu fuq citat b'daqshekk ma jfissirx illi huwa setgha jorbot id-diretturi l-ohra ta' l-istess kumpanija illi ma dehrux personalment fuq dan il-kuntratt biex jaderixxu ghal din il-kondizzjoni.

M'huwiex kontestat lanqas bejn il-partijiet illi l-konvenuta Rosalia Di Grazia ma kienetx prezenti u ma ffirmatx il-ftehim illi kopja tieghu hemm esebit. Ghalhekk ghal dak li jirrigwarda r-responsabbilta' personali l-Qorti ma tarax kif Rosalia Di Grazia qatt tista tkun responsabbli personalment ghal xi djun inkorsi mill-kumpanija meta hi qatt ma aderiet ghal tali responsabbilta'. M'hemmx dubbju illi s-socjeta' attrici tista tagixxi fil-konfront ta' Regina Bianca Limited u Antonio Tudisco, kif fil-fatt ghamlet u

giet kanonizzata kreditrici skond sentenza moghtija fis-7 ta' Jannar 2002. Dana pero' ma jfissirx illi tali sentenza tista tkun esegwita fil-konfront ta' Rosalia Di Grazia personalment ladarba dina qatt ma dehret biex taderixxi ghal din it-tip ta' responsabbilta'. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi Rosalia Di Grazia minkejja l-kontumaci taghha ghandha ragun topponi t-talba tas-socjeta' attrici fil-konfront taghha personalment.

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi,

Illi ghal dak li jirrigwarda r-responsabbilta' ta' Rosalia Di Grazia personalment, tichad it-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra taghha.

Anthony Zammit
Dep Reg